MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru. 389/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**vs**

**Emanuel Grech bin Carmel u Josephine nee' Refalo imwieled fit-tnejn ta' Novembru, 1966 u residenti Flat 1, Valley Court, Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 38766G**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL GRECH** bin Carmel u Josephine nee' Refalo mwieled fit-tnejn ta' Novembru, 1966 u joqghod Flat 1, Valley Court, Triq il-Bahhara,

Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 38766G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar fit-tletin (30) ta’ Mejju 2006 ghal habta tad-disgha neqsin kwart ta’ filghaxija fi Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. b’mod volontarju kiser il-paci u l-ordni pubblika b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghajjar u nsulenta lill-mara tieghu Doreen Grech u lil Raffaella Attard bi kliem “Qahba”;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 ghal zmien li jidrilha li hu xieraq.

Semghet lil imputat jiskuza ruhu tal-akkadut fil-konfront ta’ martu Doreen Grech u Raffaella Attard u jobbliga ruhu li ma kienx ser jerga jimmolesthom.

Semghet lil mart l-imputat Doreen Grech u lil Raffaella Attard jiddikjaraw fis-seduta ta’ llum li kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat stante d-dikjarazzjoni tieghu ta’ llum.

Ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikolu 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni (2) akkuza kif migjuba mill-prosekuzzjoni kontra l-imputat Emanuel Grech stante rinunzja filwaqt li tiddikjara ma ssibux hati tal-ewwel (1) akkuza stante li ma gietx ippruvata u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------